# JEĦTIEĠ NIKBRU FIL-FIDI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ħabakuk.**
**Ħab 1, 2-3; 2, 2-4**

Mulej, kemm se ndum nokrob għall-għajnuna, u inti ma tismax! Lejk ngħajjat: "X'qilla!'' u inti ma ssalvax! Għaliex turini l-ħażen u inti toqgħod tħares lejn il-ħtija? Quddiemi qirda u qilla, hemm it-tilwim, u ksir il-għonq qed jikber.
Imbagħad il-Mulej wieġeb: "Ikteb did-dehra,'' qalli, ''onqoxha fuq tavlozzi, hekk li jkun jista' jħaffef min jaqraha. Għax, meta jkun il-waqt, id-dehra sseħħ, tistenna sa ma ttemm, u ma tqarraqx. Jekk hija ddum ma tasal, int stennieha, għax tiġi żgur, ma tiddawwarx ma tasal! Arah jintefaħ min mhux nifsu sewwa; iżda l-ġust igħix, għall-fedelta' li għandu.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 94**
**Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

Ejjew, ħa nfaħħru bil-hena l-Mulej,
ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nidhru quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajjat ta' ferh.

**R/. Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

Ejjew inqimuh mixħutin fl-art,
għarrkobbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqtna,
għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-popli tal-mergħa tiegħu u n-ngħaġ tiegħu.

**R/. Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meribaħ,
bħal dak in-nhar f'Massah fid-deżert,
meta ġarrbuni missirjietkom,
ippruvawni, għalkemm għemili raw.''

**R/. Isimgħu leħen il-Mulej, u twebbsux qalbkom.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju.**
**2 Tim 1, 6-8, 13-14**

Għażiż: Infakkrek biex tħeġġeġ fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-tqegħid ta' idejja; għax Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba, u ta' rażan.

Mela tistħi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna, anqas minħabba fija, priġunier tiegħu, imma bati miegħi għall-Evanġelju, bil-qawwa ta' Alla. Żomm quddiem għajnejk l-eżempju tat-tagħlim sod li smajt minn għandi, billi twettqu bil-ħajja tal-fidi u ta' l-imħabba li huma fi Kristu Ġesu'. Bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina, ħares it-teżor sabiħ li ġie afdat f'idejk.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Fidil il-Mulej f'kull kelma tiegħu,
twajjeb fl-għemil tiegħu kollu.
**Hallelujah**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 17, 5-10**

F'dak iż-żmien: l-Appostli qalu lill-Mulej: "Kattar fina l-fidi,'' Weġibhom il-Mulej: "Kieku għandkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut, 'Inqala' u mur tħawwel fil-baħar,' u hi kienet tisma' minnkom.
Wieħed minnkom ikollu qaddej qiegħed jaħrat jew jirgħa; meta jidħol mill-għalqa, se jgħidlu, 'Ejja, isa, u oqgħod għal-ikel? U mhux iżjed igħidlu, Lestili x'niekol, ilbes il-fardal u newwilli sa ma niekol u nixrob jien, u mbagħad tiekol u tixrob int'? Jaqaw se jroddlu ħajr lill-qaddej talli jkun għamel li ordnalu? Ma naħsibx. Hekk ukoll intom, meta tagħmlu kull ma tkunu ordnati, għidu, 'Aħna qaddejja li ma niswew għalxejn: għamilna biss dak li kellna nagħmlu.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**